**MALTA**

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**

**Seduta tas-17 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru. 41/13**

**Emanuel Piscopo**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*"Qed nikteb b'rigward l-ittra b'numru ta' riferenza hawn fuq imsemmi fejn jiena gejt innotifikat li l-applikazzjoni tieghi ghan-notifika ta' sors tal-ilma ta' taht l-art ma gietx accettata. Qed nallega kopja tal-ittra ghall-facilita` tieghek.*

*Qed nirrispondi daqshekk tard ghall-ittra datata 28 ta' Settembru billi ma kontx Malta bejn id-29 ta' Settembru u d-29 ta' Ottubru 2011 (qed nallega wkoll kopja tal-passaport tieghi bid-data ta' hrug u dhul f'Malta) u l-ittra registrata iffirma ghaliha l-gardinar u zammha sakemm jien rritornajt is-Sibt li ghadda.*

*Il-borehole thaffret fl-1987.*

*Jiena kont applikajt ghan-notifika ta' sors tal-ilma fl-10 ta' Dicembru 2010 skont il-procedura li giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern dik is-sena.*

*Permezz ta' din l-ittra, nixtieq nitlob umilment li din id-decizjoni terga' tigi kkunsidrata. Din l-art agrikola hija diga' rregistrata mal-Paying Agency mis-sena 2006 u jiena qed nircievi fondi mill-Unjoni Ewropea.*

*Barra minn hekk, dan is-sors tal-ilma jintuza biex jissaqqew mitejn u erba' sigriet tac-citru minn fejn gew maqtugha 4,900 kilo laring bejn Ottubru 2010 u April 2011. Jekk dan is-sors tal-ilma jinghalaq, dawn is-sigar zgur ma jkunux daqshekk produttivi u nibza li hafna minnhom imutu. Ghamilt minn kollox biex nigbor u nuza l-ilma tax-xita bil-galbu, ghandi giebja kbira fejn nigbor u nahzen l-ilma tax-xita u s-sigar kollha jissaqqew bid-drip-irrigation. Madanakollu, f'dawn l-ahhar snin l-inzul ta' xita nbidel drammatikament, tant li l-ilma tal-wied ta' hdejna (Wied San Martin) ma ghaddiex f'diversi snin minn dawn l-ahhar hmistax-il sena. Minhabba f'hekk, nista' nigbor biss ammonti limitati ta' ilma. Il-borehole tintuza biss biex jigi mizjud l-ilma bl-ammonti necessarji skond in-nuqqas ta' xita.*

*Ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija nitlob illi l-Bord ta' l-Appell jerga' jikkunsidra l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija u li d-decizjoni tal-Awtorita` tigi mibdula."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

*"Illi l-Awtorita` esponenti tirrileva li l-Avviz Legali 255 tal-2008 jehtieg li l-Awtorita` ghandha taccetta applikazzjonijiet ghan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taht l-art li ma kienux gew ipprezentati lilha sal-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun gustifikat b'ragunijiet u minhabba cirkostanzi specjali li jkunu xierqa.*

*Huma biss dawk ic-cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, li ghandhom jitqiesu validi mill-Awtorita`. Il-gustifikazzjonijiet li gew ipprezentati permezz ta' affidavit mir-rikorrent ma kienux gew accettati mill-Awtorita` ghax ma kienux cirkostanzi li kienu gustifikati u xierqa, kif tqiesu kif imiss mill-kumitat imsemmi. Din innifisha hija r-raguni u l-motivazzjoni l-ghala l-applikazzjonijiet tardivi ma gietx accettata mill-Awtorita`.*

*Illi ghaldaqstant huwa rrilevanti li issa wara li ttiehdet id-decizjoni l-appellant jissolleva elementi godda li ma kienux a konoxxenza tal-Awtorita` meta ssottometta l-applikazzjoni tieghu mal-istess (Dok. A anness), elementi bhal per ezempju li l-applikant huwa registrat mal-Paying Agency tal-Ministeru tar-Rizorsi etc, liema fatt mhux koncess*

*li kien ikun rilevanti ghad-decizjoni tal-Awtorita` u li qatt ma gie msemmi u ppruvat lill-Awtorita` u li issa qieghed jigi msemmi biss tardivament fl-istadju tal-appell. Lanqas ma gie bl-ebda mod ippruvat mill-appellant dak li allega li kien b'xi mod irregoralizza ruhu fis-sena 1992, meta difatti l-unici drabi fejn seta` jaghmel dan hlief taht il-procedura ta' notifika tardiva odjerna, kien fis-sena 1997 u fis-sena 2008.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess lil dan l-Onorabbli Bord li huwa ma jistax jaccedi ghat-talba tal-appellant billi l-Bord ma jistax jikkunsidra fatti estranji minn dawk imsemmija fl-applikazzjoni u fl-affidavit tal-appellant (Dok. B anness) u li fuqhom l-Awtorita` bbazat id-decizjoni taghha, meta kien l-appellant stess li ma prezentax u ma ppruvax il-fatti kollha a tempo debito kif mehtieg bil-ligi. Illi ghaldaqstant l-Awtorita` esponenti titlob li dan l-Onorabbli Bord ma ghandux iqis elementi ohra li l-appellant ghogbu jsemmi biss wara li n-notifika ma gietx accettata.*

*Illi l-Awtorita` ma ssibx kredibbli l-verzjoni tal-appellant li huwa ma rregistrax l-borehole ghax kien taht l-impressjoni li huwa kien irregistra l-borehole fl-1992 meta difatti huwa kien konxju tal-process ta' registrazzjoni tal-boreholes fl-1997, meta huwa stess irregistra boreholes ohra f'ismu fl-istess sena (ara Dok C u D annessi). Fl-istess waqt huwa ma rregistrax il-borehole suggetta ghal dan l-appell (li huwa stess ammetta li thaffret fis-sena 1987) u li seta' facilment irregistra flimkien mal-boreholes l-ohra tieghu mhux darba biss fis-sena 1997 izda ukoll darb'ohra waqt l-iskema ta' notifika tal-2008.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq sottomissjonijiet, xhieda u provi dettaljati in sostenn tar-risposta u l-pozizzjoni taghha, l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli, joghgbu ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw ulterjorment waqt is-smiegh tal-appell, jirrifjuta t-talbiet tal-appellant u li jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` tat-28 ta' Settembru 2011."*

Ra illi dawn il-proceduri gew assenjati quddiem dan it-Tribunal minn quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 184 tal-2012.[1]

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

[1] Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Gurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva (Rizorsi)

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[2] u ta' Miriam Micallef Sultana,[3]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009, mill-15 ta' Lulju 2009 l-Awtorita' Dwar ir-Rizorsi kienet bdiet "*taccetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

*Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità.*"

Illi fid-9 ta' Dicembru 2010, ir-rikorrent ghamel applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art (*borehole*). Illi peress li din l-applikazzjoni kienet wahda tardiva u cioe` ma saritx sal-20 ta' Novembru 2008 ir-rikorrent kellu wkoll jipprezenta affidavit sabiex jaghti raguni ghaliex ma kienx irregistra l-istess *borehole* sat-terminu indikat.

Illi permezz ta' decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011, l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali qies li ma kinux jezistu cirkostanzi specjali li huma gustifkati u xierqa sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu tardivament. Ghaldaqstant l-istess rikorrent intalab sabiex jaghlaq l-istess *borehole* fi zmien tletin (30) gurnata.[4]

Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u intavola l-appell odjern.

---

[2] A fol. 58 sa 62
[3] A fol. 69 sa 71
[4] Ara decizjoni a fol. 12

Illi mix-xhieda **tar-rikorrenti** jirrizulta illi r-raguni il-ghala ma kienx irregistra l-*borehole* in kwistjoni sal-20 ta' Novembru 2008 **kien minhabba l-fatt li kien haseb li kien irregistraha fis-sena 1992. Pero` jistqarr li meta mar biex japplika ghall-meter kien infurmat li l-istess *borehole* ma kinitx registrata. Jghid li probabilment il-formoli li kien mela fl-1992 kienu biss rigward xi censiment u mhux ghall-*borehole* in kwistjoni.**

Illi l-istess rikorrent jistqarr illi l-*borehole* in kwistjoni tinsab fil-proprjeta` tieghu u ilha mhaffra cirka mis-sena 1987. Jghid li l-imsemmija *borehole* tintuza biex isaqqi s-sigar tac-citru u li ilu mill-2004 jiehu fondi mill-Unjoni Ewropeja fuq l-istess art fejn kien iddikjara li l-art hija msaqqija ghax ghandu *borehole.* Pero` jghid li kien ircieva nota li kellu *borehole* mhux registrata u meta staqsa x'irid isir biex jirregistraha wara li skada t-terminu tal-2008 kien gie infurmat li kien hemm Bord biex jevalwa l-applikazzjonijiet tardivi. Jghid li s-sigar tac-citru kien hawwilhom wara li haffer il-*borehole.* Jghid li precedentement ghall-applikazzjoni odjerna huwa kien diga irregistra xi *boreholes* bnadi ohra pero` din in kwistjoni ma kienx irregistraha ghax kien taht l-impressjoni li kien diga rregistraha.

**Miriam Micallef Sultana**, rapprezentant tal-Awtorita` intimata, stqarret illi l-Kumitat li kien imwaqqaf apposta sabiex jevalwa n-notifikazzjonijiet tardivi tal-*boreholes* ma kienx accetta l-gustifikazzjoni li ressaq ir-rikorrent abbazi tal-affidavit tieghu u ghalhekk hareg rakkomandazzjoni li l-Awtorita` intimata ghandha tirrifjuta n-notifikazzjoni. Tghid li qabel l-iskema tan-notifikazzjoni tal-2008 kien hemm skema ohra simili fl-1997 pero` iktar qabel ma kienx hemm.

Illi ghalhekk jirrizulta li bhala fatti ftit hemm kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni principali hija jekk l-Awtorita` intimata imxietx tajjeb fil-konfront tar-rikorrent meta cahdet li l-gustifikazzjoni mressqa minnu kienet wahda li timmerita li huwa jinghata l-fakolta` li jirregistra s-sors li huwa kellu tardivament.

Illi t-Tribunal jinnota illi mal-applikazzjoni tar-rikorrent ghan-notifika tas-sors ta' ilma li tinsab esebita a fol. 2 et seq. tal-process, hemm anness affidavit tal-istess rikorrent li jghid is-segwenti:

*"Mad-dar tar-residenza tieghi li tinsab gewwa Haz-Zebbug, fil-Wied ta' San Martin, bl-isem 'Xaravin' hemm borehole, liema borehole kont minghalija li rregistrajtha fis-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992). Dan l-ahhar pero` meta mort biex napplika ghal water metre b'xejn ghall-imsemmija borehole skond skemi li hemm bhalissa, gejt avzat mid-dipartiment relattiv illi l-borehole m'hix registrata u l-formoli li kont imlejt fis-sena 1992, meta kont minghalija li rregistrajt l-imsemmija borehole probabbilment kienu biss tac-censiment, u ghalhekk bi zball l-imsemmija borehole ghadha mhix registrata."*

Illi ai termini tar-Regolament 2 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 (Regolamenti tal-2009 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taht l-Art); *"...flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikati fl-affidavit **ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika**[5], flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit."*

Illi dan it-Tribunal, wara li qara l-affidavit tar-rikorrent u ra d-dokumenti esebiti minnu, u senjatament dawk minn fol. 79 sa fol.89, jirrizultalu illi fl-2005 ir-rikorrent kien applika ghall-Ghajnuna ghall-Art li Tinhadem mal-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn fost affarijiet ohra iddikjara li fl-art in kwistjoni kellu mija u tmenin (180) sigra tal-frott imhalltin u mitejn u ghaxra (210) sigar tac-citru. Fl-istess applikazzjoni r-rikorrent iddikjara li s-sors tal-ilma ghall-istess art **gej minn spiera jew *borehole* jew nixxija/ghajn li jipprovdu ilma s-sena kollha.**[6] **Di piu` mehmuz mal-istess applikazzjoni hemm dokument iffirmat mir-rikorrent fejn gi dikjarat li l-imsemmija *borehole* hija wahda registrata.**[7]

---

[5] Enfasi tat-Tribunal
[6] Ara fol. 86
[7] Ara a fol. 89

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-gustifikazzjoni mressqa mir-rikorrent ghala kien tardiv fin-notifikazzjoni tieghu mal-Awtorita` intimata hija wahda genwina. Dak li l-Avviz Legali 204 tal-2009 ried jevita li jsir huwa l-abbuz u cioe` li wiehed ihaffer *borehole* u jghid li ilha hemm minn zmien ferm qabel biex ikun jista' jibbenefika mill-iskema tal-*metering* tal-ilma mtella' minn sorsi ta' taht l-art. Illi, pero`, fil-kaz odjern jirrizulta ampjament car illi din il-*borehole* kienet ezistenti mill-inqas sa mis-sena 2005 meta r-rikorrent ghamel l-applikazzjoni mal-Ministru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent msemmija aktar 'il fuq. Illi dan it-Tribunal ghalhekk huwa tal-opinjoni illi l-gustifikazzjoni li ta, u cioe` li kien taht l-impressjoni li kien irregistra l-istess *borehole*, xi snin qabel hija wahda xierqa li tintitolah sabiex in-notifikazzjoni tieghu titqies bhala wahda valida.

Illi t-Tribunal madankollu josserva illi l-Awtorita` intimata ma kinitx fil-posizzjoni li huwa llum it-Tribunal meta waslet ghad-decizjoni taghha u dana ghaliex hi ma kellhiex quddiemha id-dokumenti sottomessi mir-rikorrenti fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant dan il-fatt se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**